

Il-Ġurnal Uffiċjali C 447 A tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

1 ta' Diċembru 2016

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2016/C 447 A/01

Avviż ta' Kompetizzjoni Ġenerali — EPSO/AD/331/16 — It-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) — Esperti (AD 7) fl-oqsma li ġejjin: 1. L-Analiżi tad-Data u s-Servizz tal-IT 2. Il-Post tax-Xogħol Diġitali, Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Informatika Mobbli 3. L-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi (Enterprise Resource Planning, ERP) 4. Is-Sigurtà fl-ICT 5. L-infrastruttura tal-IT 6. Il-Portafoll tal-IT/Il-Ġestjoni tal-Programmi u l-Arkitettura tal-Intrapriża 1

MT

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AD/331/16 — It-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) — Esperti (AD 7) fl-oqsma li ġejjin: 1. L-Analiżi tad-Data u s-Servizz tal-IT 2. Il-Post tax-Xogħol Diġitali, Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Informatika Mobbli 3. L-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi (Enterprise Resource Planning, ERP) 4. Is-Sigurtà fl-ICT 5. L-Infrastruttura tal-IT 6. Il-Portafoll tal-IT/Il-Ġestjoni tal-Programmi u l-Arkitettura tal-Intrapriża

(2016/C 447 A/01)

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni: l-10 ta' Jannar 2017 f'12:00 (nofsinhar), CET

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjoni ġenerali, ibbażata fuq kwalifiki u testijiet, sabiex jinħolqu listi ta' riserva li minnhom l-Istituzzjonijiet Ewropej jirreklutaw membri ġodda tas-servizz pubbliku bħala **"amministraturi"** (grupp ta' funzjoni AD).

Dan l-avviż ta' kompetizzjoni u l-annessi tiegħu jiffurmaw il-qafas legalment vinkolanti għal dawn il-proċeduri tal-għażla.

Ara l-ANNEX III għar-regoli ġenerali li jirregolaw il-kompetizzjonijiet ġenerali.

Għadd mixtieq ta' kandidati magħżula skont il-qasam:	
1. L-Analiżi tad-Data u s-Servizz tal-IT:	30
2. Il-Post tax-xogħol Diġitali, Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Informatika Mobbli:	25
3. L-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi (ERP):	14
4. Is-Sigurtà fl-ICT:	49
5. L-Infrastruttura tal-IT:	38
6. Il-Portafoll tal-IT/Il-Ġestjoni tal-Programmi u l-Arkitettura tal-Intrapriża:	24

Dan l-avviż jirreferi għal sitt (6) oqsma. **Tista' tapplika biss għal wieħed.** Din l-għażla trid tagħmilha waqt l-applikazzjoni elettronika u ma tistax tibdilha għaladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni elettronika tiegħek.

Innota li l-postijiet li jistgħu jiġu offruti lill-kandidati magħżula jkunu prinċipalment ibbażati fil-Lussemburgu. Postijiet oħra jkunu bbażati fi Brussell.

LIEMA KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?

AD 7 huwa l-grad li fih l-amministraturi jiġu rreklutati mill-Istituzzjonijiet Ewropej skont l-indikazzjonijiet għal kull qasam.

Jekk tiġi impjegat wara din il-kompetizzjoni, tibda tagħmel, bħala parti minn tim, id-diversi tipi ta' kompiti skont il-qasam magħżul. Dawn jinkludu li:

- Tkun responsabbli li żżomm is-servizzi tal-ICT jaħdmu sew
- tittraduċi l-ħtiġijiet tan-negozju f'soluzzjonijiet tal-ICT
- tiddefinixxi, tipproponi u timplimenta strateġiji ġodda tal-ICT
- tipparteċipa f'kumitati u laqgħat bħala speċjalist tekniku/espert
- tħejji laqgħat informattivi, rapporti u preżentazzjonijiet

Ara l-ANNESS I għal aktar informazzjoni dwar id-dmirijiet tipiċi li għandhom jiġu mwettqa skont il-qasam.

JIEN ELIĠIBBLI BIEX NAPPLIKA?

Trid tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet KOLLHA meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek:

Kundizzjonijiet ġenerali	<ul style="list-style-type: none"> — Tkun tgawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE — Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet nazzjonali dwar is-servizz militari — Tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' karattru mitluba għat-twettiq tad-dmirijiet involuti.
Kundizzjonijiet speċifiċi: lingwi	<ul style="list-style-type: none"> — Lingwa 1: livell minimu – C1 f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE — Lingwa 2: livell minimu – B2 fil-Franċiż jew fl-Ingliż; din il-lingwa trid tkun differenti mil-lingwa 1 <p><i>Għal informazzjoni dwar il-livelli tal-lingwa, ara l-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi</i></p> <p><i>(https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr)</i></p> <p>Il-lingwa 2 trid tkun il-Franċiż jew l-Ingliż. Il-formola ta' applikazzjoni onlajn tiegħek trid timliha bil-Lingwa 2 tiegħek.</p> <p>Billi t-tagħmir u l-proċeduri eżistenti għal dawn l-oqsma speċifiċi huma stabbiliti biss bil-Franċiż jew bl-Ingliż, l-għarfien ta' waħda minn dawn iż-żewġ il-lingwi huwa meħtieġ biex tiġi reklutat.</p> <p>L-Ingliż huwa l-lingwa l-aktar użata għall-komunikazzjoni u l-iżvilupp fil-qasam tal-IT internazzjonalment u f'bosta istituzzjonijiet tal-UE, mill-programmaturi, l-analisti, il-periti, eċċ. u għalhekk huwa essenzjali għall-pożizzjonijiet offruti.</p> <p>Fir-rigward tal-Franċiż, dan huwa mitkellem ukoll fil-biċċa l-kbira fis-servizzi tal-IT fil-Qorti tal-Awdituri (QA) billi hi waħda mil-lingwi ta' ħidma tagħha (skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 22-2004 dwar ir-regoli dwar it-traduzzjoni ta' dokumenti għal-laqgħat tal-Qorti, tal-Grupp u tal-QA) u fil-Qorti tal-Ġustizzja.</p> <p>Barra minn hekk, il-karigi li jiġu offruti lill-kandidati magħżula jkunu bbażati prinċipalment fil-Lussemburgu, fejn il-biċċa l-kbira mill-fornituri ta' servizzi esterni tal-ICT li jaħdmu mal-istituzzjonijiet huma kelliema nattivi Franċiżi. Il-Franċiż huwa għalhekk meħtieġ għall-kandidati magħżula biex ikunu jistgħu jinteraġixxu ma' dawn it-timijiet.</p>

<p>Kundizzjonijiet speċifiċi: kwalifiki u esperjenza ta' xogħol</p>	<p>— Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal mill-inqas erba' (4) snin ta' studji universitarji mlestija, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, iċċertifikati b'diploma, segwiti minn minimu ta' sitt (6) snin esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom mill-inqas tliet (3) snin fil-qasam magħżul.</p> <p style="text-align: center;">jew</p> <p>— Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal mill-inqas tliet (3) snin ta' studji universitarji mlestija, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, iċċertifikati b'diploma, segwiti minn minimu ta' seba' (7) snin esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom mill-inqas erba' (4) snin fil-qasam magħżul.</p> <p style="text-align: center;">jew</p> <p>— Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal mill-inqas erba' (4) snin ta' studji universitarji mlestija iċċertifikati b'diploma, segwiti minn minimu ta' għaxar (10) snin esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom mill-inqas tliet (3) snin fil-qasam magħżul.</p> <p style="text-align: center;">jew</p> <p>— Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal mill-inqas tliet (3) snin ta' studji universitarji mlestija iċċertifikati b'diploma, segwiti minn minimu ta' 11-il sena esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom mill-inqas erba' (4) snin fil-qasam magħżul.</p> <p>Ara l-ANNESS IV għal eżempji ta' kwalifiki minimi</p>
---	---

KIF NINTGĦAŻEL?

1) Testijiet ta' Mistoqsijiet b'Għażla Multipla (Multiple-Choice Question, MCQ) fuq il-kompjuter

Jekk l-għadd ta' kandidati li japplikaw għal kull qasam **ikun ogħla minn ċertu limitu**, li jkun definit mill-EPPO li jagħxi bħala l-Awtorità tal-Ħatra, il-kandidati kollha li vvalidaw l-applikazzjoni sad-data tal-għeluq ikunu mistiedna jattendu sensjela ta' testijiet MCQ bil-kompjuter f'wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO.

Jekk in-numru ta' kandidati **jkun taħt il-limitu**, dawn it-testijiet minflok jiġu organizzati fiċ-ċentru ta' valutazzjoni (il-punt 3).

It-testijiet MCQ bil-kompjuter ikunu organizzati kif ġej:

It-testijiet	Lingwa	Mistoqsijiet	Tul ta' żmien	Marka minima meħtieġa
Ir-raġunament verbali	Lingwa 1	20 mistoqsija	35 minuta	10/20
Ir-raġunament numeriku	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	20 minuta	Numeriku + astratt flimkien: 10/20
Ir-raġunament astratt	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	10 minuti	

Dawn it-testijiet huma eliminatorji u ma jgħoddux għat-testijiet l-oħrajn li jsiru fiċ-ċentru ta' valutazzjoni.

2) Selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki

L-ewwel nett ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà jiġu vverifikati fuq il-bażi tad-*data* pprovduta fl-ewwel applikazzjoni onlajn tal-kandidati. Hemm żewġ xenarji possibbli:

- Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter **jiġu organizzati minn qabel**, il-fajls tal-kandidati jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-marki miksuba sakemm jintlaħaq il-limitu għan-numru ta' kandidati eliġibbli definit għal kull qasam mill-EPSO li taġixxi bħala Awtorità tal-Ħatra. Il-fajls l-oħrajn ma jiġux iċċekkjati.
- Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter **ma jiġux organizzati minn qabel**, il-fajls tal-kandidaturi kollha jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà.

It-tieni nett, **għall-kandidati eliġibbli biss** magħżula kif deskritt hawn fuq; is-selezzjoni fuq il-bażi tal-kwalifiki ssir bl-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-kandidati fit-taqsima Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet (Talent Screener Tab) tal-formola tal-applikazzjoni. Għal kull qasam, il-bord tas-selezzjoni jassenja piż lil kull **kriterju ta' selezzjoni** li jirrifletti l-importanza relattiva tiegħu (minn 1 sa 3) u t-tweġibiet ta' kull kandidat jingħataw bejn 0 u 4 punti.

Il-bord tas-selezzjoni jimmultiplika l-punti bil-piż ta' kull kriterju u jgħoddhom flimkien biex jiġu identifikati dawk li l-profilu tagħhom jissodisfaw l-aħjar id-dmirijiet li għandhom iwettqu.

Ara l-ANNESS II għal-lista ta' kriterji għal kull qasam.

3) Iċ-Ċentru ta' Valutazzjoni

Sa massimu ta' tliet (3) darbiet l-għadd ta' kandidati ammessi mfittxija għal kull qasam jiġu mistiedna għal din il-fażi. Jekk tikseb waħda mill-**ogħla marki totali** fis-selezzjoni fuq il-bażi tal-kwalifiki, tkun mistieden tattendi f'ċentru ta' valutazzjoni għal jum jew tnejn, x'aktarx fi **Brussell**, fejn isiru t-testijiet bil-**lingwa 2** tiegħek.

Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter deskritti fil-punt 1 **ma jkunux organizzati minn qabel**, tagħmilhom fiċ-ċentru ta' valutazzjoni.

Fiċ-ċentru ta' valutazzjoni jiġu ttestjati tmien kompetenzi ġenerali u l-kompetenzi speċifiċi meħtieġa għal din il-kompetizzjoni permezz ta' **erba' (4) testijiet** (intervisti ġenerali u speċifiċi bbażati fuq il-kompetenza, eżerċizzju fi grupp u studju ta' każ) kif deskritt fil-matriċi li ġejjin:

Kompetenzi	It-testijiet	
1. Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	Eżerċizzju fi grupp	Studju ta' każ
2. Komunikazzjoni	Studju ta' każ	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
3. Kwalità u riżultati	Studju ta' każ	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
4. Tagħlim u żvilupp	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
5. Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	Eżerċizzju fi grupp	Studju ta' każ
6. Reżiljenza	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
7. Ħidma ma' oħrajn	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
8. Ħiliet ta' tmexxija	Eżerċizzju fi grupp	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi ġenerali
Marki minimi meħtieġa	3/10 għal kull kompetenza u 40/80 b'kollox	

<i>Kompetenzi</i>	<i>It-test</i>
Kompetenzi speċifiċi	Intervista bbażata fuq il-kompetenzi speċifiċi
Marka minima meħtieġa	50/100

4) *Lista ta' riserva*

Wara li jiġu ċċekkjati d-dokumenti ta' prova tal-kandidati, il-bord tas-selezzjoni joħloq **lista ta' riserva** tal-kandidati eliġibbli li jkunu kisbu l-ogħla marki globali wara ċ-ċentru ta' valutazzjoni għal kull qasam sakemm in-numru ta' kandidati ammessi mixtieq jintlaħaq. L-ismijiet jiġu elenkati f'ordni alfabetiku.

FEJN U META NISTA' NAPPLIKA?

Applika onlajn fuq is-sit tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu> sa:

l-10 ta' Jannar 2017 f'12:00 (nofsinhar), CET

ANNEX I

KOMPITI

Il-kompiti ewlenin tal-kandidati li jgħaddu u li jiġu rekrutati minn din il-kompetizzjoni jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra Madankollu, b'mod ġenerali, dawn jinkludu:

- Il-ġestjoni tal-proġetti: l-analiżi, il-proposta, id-disinn, l-istima tal-ispejjeż, l-identifikazzjoni u l-akkwist ta' riżorsi meħtieġa, l-iskedar tal-attivitajiet, is-segwitu tal-implimentazzjoni, il-ġestjoni tal-bidla u r-rappurtar.
- L-ikkoordinar/il-parteċipazzjoni/t-tmexxija tal-iskwadra/i prinċipali inkarigat(i) mill-attivitajiet ta' proġetti.

Skont il-qasam magħżul, il-kompiti **speċifiċi** tal-kandidati ammessi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

Qasam 1: L-Analiżi tad-Data u s-Servizz tal-IT

L-esperti tal-Analiżi tad-Data u l-esperti tas-servizzi tal-IT ikunu involuti f'dawn l-oqsma li ġejjin:

Fir-rigward tal-analiżi tad-data, il-parteċipazzjoni u r-responsabbiltà għal:

- Il-kunċettwalizzazzjoni, l-analiżi u s-supervizzjoni teknika u amministrattiva fil-qasam tal-analitika tad-data, l-istima u l-validazzjoni tad-data, it-trattament u l-validazzjoni tad-data, il-kwalità tad-data u l-kontroll tal-iżvelar.
- Il-ġestjoni ta' settijiet ta' Big Data, informazzjoni mhux strutturata u bażijiet ta' data ta' referenza.
- L-integrazzjoni ta' data u konnessjonijiet, id-Definizzjoni tal-Istatistika u Algoritmi ta' Tagħlim Awtomatiku.
- Id-Definizzjoni ta' Proċess statistiku għal stima tad-data, imputazzjonijiet u l-verifika tar-riżultati.
- L-identifikazzjoni tad-daqs tal-kampjun u l-istratifikazzjoni.
- L-immaniġġjar ta' metadata, l-identifikazzjoni ta' iżolat u analiżi ta' serje temporali u ekonometrika.
- L-abbozzar ta' tixrid ta' data statistika u l-validazzjoni ta' politiki, standards u linji gwida.
- L-analiżi u l-valutazzjoni tal-affidabbiltà u r-robustezza tad-data.
- L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi, għodod, u proċeduri għall-ipproċessar u l-interpretazzjoni ta' data, li tista' tinvolvi l-użu ta' tekniċi kwantitattivi avvanzati għal skopijiet ta' evalwazzjoni u valutazzjoni.

Fir-rigward tal-Ġestjoni tas-Servizz tal-IT, il-parteċipazzjoni, u r-responsabbiltà għal:

- It-Tfassil, id-definizzjoni, il-personalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' proċessi u prodotti ITSM.
- Il-Ġestjoni tal-Kwalità, il-Ġestjoni tar-Riskji, il-kejl tal-prestazzjoni u t-titjib kontinwu tas-servizz fil-proċessi ITSM.
- Il-Ġestjoni tal-Istrateġija tas-Servizzi tal-IT.
- Proġetti speċifiċi fil-qasam ITSM.
- Proċeduri ta' akkwist fil-qasam tal-kompetenza.
- Id-definizzjoni u/jew l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji, kif ukoll it-twettiq ta' studji u valutazzjonijiet, fil-qasam tal-kompetenza.

Qasam 2: Il-Post tax-Xogħol Diġitali, Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Informatika Mobbli

L-esperti tal-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Informatika Mobbli jkunu involuti f'dawn l-oqsma li ġejjin:

- Id-definizzjoni, it-tfassil, l-implimentazzjoni, it-tħaddim, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' soluzzjonijiet/servizzi f'oqsma bħall-awtomazzjoni tal-uffiċċju (inklużi l-prodotti OSS), il-post tax-xogħol diġitali u l-informatika mobbli.
- L-implimentazzjoni ta' linji politiċi ta' sigurtà għal dawn is-servizzi u l-proposta ta' evoluzzjoni ta' dawn is-servizzi biex ikun permess l-adattament f'waqtu għall-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tan-negozju.
- Is-segwitu tat-teknoloġija f'oqsma relatati.
- L-evalwazzjoni teknika ta' soluzzjonijiet ġodda.
- Il-koordinazzjoni ta' attivitajiet arkitettoniċi, ta' skjerament u ta' integrazzjoni u l-ġestjoni ta' infrastrutturi u soluzzjonijiet ġodda.

Qasam 3: L-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi (ERP)

L-esperti tal-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi jkunu prinċipalment involuti fl-oqsma li ġejjin:

- Il-ġestjoni tal-implimentazzjoni ta' proġetti fuq skala kbira ERP biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet identifikati u/jew tiġi implimentata l-manutenzjoni tas-sistema ERP u l-istrateġija ta' evoluzzjoni.
- L-immaniġġjar ta' gruppi ta' ħidma funzjonali.
- Il-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tal-proċessi kummerċjali appoġġati ERP bejn oqsma funzjonali.
- Il-kontroll tal-ispejjeż, l-iskedi u r-riżorsi użati, u l-azzjoni meta dawn jiddevjaw mit-tolleranzi miftiehma minn qabel.
- L-immaniġġjar tal-proċedura tal-kontroll tal-bidla, l-iffaċilitar tal-ftehim għal reviżjonijiet għall-proġett mill-isponsors ta' proġetti.

Qasam 4: Is-Sigurtà fl-ICT

L-Esperti tas-Sigurtà fl-ICT ikunu involuti f'dawn l-oqsma li ġejjin:

- L-abbozzar ta' politiki u standards tas-sigurtà tal-IT.
- Il-Forniment ta' Servizzi CERT: il-kunċettwalizzazzjoni, l-analiżi u s-superviżjoni teknika u amministrattiva fil-qasam tas-sigurtà fl-ICT, l-appoġġ u l-infrastruttura.
- Ir-reviżjoni tal-oqfsa tas-sigurtà tal-IT u l-appoġġ għat-titjib tal-proċessi tas-sigurtà tal-IT.
- It-twettiq tad-disinn, l-analiżi, l-abbozzar tekniku u legali u l-implimentazzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà adattati skont il-livell ta' riskju.
- L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni ta' prodotti ta' sigurtà, inkluż l-iżvilupp u t-titjib ta' għodod speċifiċi ta' sigurtà.
- L-appoġġ ta' timijiet ta' proġetti fil-valutazzjoni ta' sigurtà perjodika, il-verifika tas-sigurtà tal-IT, it-testijiet ta' sigurtà, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà, il-monitoraġġ ta' avvenimenti ta' sigurtà u r-rispons f'każ ta' inċident.
- It-twettiq ta' awditi ta' sigurtà u l-investigazzjoni ta' inċidenti.
- Il-proponiment ta' miżuri li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà ċibernetika.
- It-Twettiq ta' Operazzjonijiet ta' Sigurtà Ċibernetika: il-monitoraġġ u l-identifikazzjoni, ir-rispons fl-inċidenti, l-assigurazzjoni tas-sigurtà u l-inġinerija tal-operazzjonijiet tas-sigurtà.

N.B. L-Esperti tas-Sigurtà tal-ICT, iridu jkunu lesti li jgħaddu minn proċedura ta' approvazzjoni ta' sigurtà billi din il-pożizzjoni teħtieġ li jkollha approvazzjoni tas-sigurtà fl-livell SECRET-EU. L-applikazzjoni għal permess għall-aċċess għal informazzjoni klassifikata ssir fil-kuntest tal-proċedura ta' reklutaġġ.

Qasam 5: L-infrastruttura tal-IT

L-esperti tal-Infrastruttura tal-IT ikunu prinċipalment involuti fl-oqsma li ġejjin:

- It-tfassil, l-implimentazzjoni u l-operazzjoni ta' soluzzjonijiet/servizzi f'oqsma ta' infrastruttura korporattiva ICT u ċentri ta' data tal-intrapriża. B'mod partikolari, l-integrazzjoni u l-ġestjoni ta' komponenti fiżiċi u virtwali (sistemi operattivi, servers, sistemi ta' ħażna tad-data, bażijiet ta' data, servers tal-applikazzjonijiet, elementi tan-netwerk...), is-servizzi (aċċess remot, aċċess għall-Internet, komunikazzjoni ta' data/vuċi, servizzi mobbli, sigurtà,...) u ta' teknoloġiji u servizzi tal-Cloud Computing privati u pubbliċi.
- Il-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet operattivi permezz ta' kuntratti ta' servizz ġestiti f'oqsma teknoloġiċi li tipikament jinsabu fl-infrastrutturi tal-intrapriżi tal-ICT u ċ-Ċentri tad-Data korporattivi.
- L-iżvilupp u l-ġestjoni ta' katalgi ta' servizzi kummerċjali u tekniċi.
- L-implimentazzjoni ta' politiki ta' sigurtà tal-informazzjoni tal-impriża u oqfsa għall-kontinwità tan-negozju għas-servizzi ta' infrastruttura tal-IT.

Qasam 6: Il-Portafoll tal-IT/Il-Ġestjoni tal-Programmi u l-Arkitettura tal-Intrapriża

L-esperti tal-Portafoll tal-IT/Il-Ġestjoni tal-Programmi u l-Arkitettura tal-Intrapriża jkunu involuti prinċipalment fl-oqsma li ġejjin:

- Il-koordinazzjoni u/jew il-ġestjoni ta' inizjattivi orizzontali tal-IT ta' importanza strateġika.
- It-twaqqif u l-ġestjoni ta' portafoll ta' applikazzjoni u/jew il-verifika li l-portafoll/programm jilħaq l-għan tiegħu u li l-proġetti li jikkostitwixxuh iwasslu l-benefiċċji meħtieġa.
- Il-monitoraġġ tal-ambitu, l-ippjanar, il-baġit u r-riskji tal-portafoll/tal-programm u l-proġetti kostitwenti tagħhom.
- L-elaborazzjoni jew il-validazzjoni ta' prodotti EA, inklużi arkitetturi korporattivi (strateġiċi) kif ukoll arkitetturi relatati speċifiċi għad-dominju (tekniku), pjanijiet direzzjonali, proċessi tan-negozju, arkitetturi orjentati lejn is-servizz.
- Bħala parti mill-istrateġija tal-IT, il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' viżjoni tal-IT b'kunsiderazzjoni tal-opportunitajiet teknoloġiċi.

Tmiem tal-ANNEX I, ikklikkja hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX II

KRITERJI TAS-SELEZZJONI

Il-bord tas-selezzjoni jikkunsidra l-kriterji li ġejjin għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki:

Qasam 1: L-Analiżi tad-Data u s-Servizz tal-IT

1. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti jew fil-ġestjoni tal-attivitajiet u servizzi fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-ipproċessar tad-*data*.
2. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-Ġestjoni tas-Servizz tal-IT jew tad-*Data*.
3. Esperjenza professjonali fil-prinċipji u l-prattiki ITSM billi jiġi applikat qafas standardizzat.
4. Ċertifikazzjoni f'ITIL jew ċertifikazzjoni f'COBIT.
5. Esperjenza professjonali fl-oqfsa ta' IT jew Governanza ta' *Data*.
6. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti, jiġifieri PRINCE2, PMI.
7. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti jew fil-ġestjoni ta' attivitajiet u servizzi fil-qasam tal-analiżi tad-*data* bħall-identifikazzjoni u t-trattament tal-iżolat, id-*data* multidimensjonali u l-istimatur ibbażat fuq mudell, is-serje ta' żmien u l-istħarriġ.
8. Esperjenza professjonali f'qasam relatat mal-ġestjoni ta' *data* bħall-estrazzjoni tad-*data* mill-web u l-analitika, it-tagħlim bl-istatistika, it-tagħlim awtomatiku, stimi bbażati fuq algoritmi, statistika ġeospazjali, *data* skennjata u sensors tad-*data*.
9. Esperjenza professjonali fl-użu ta' għodda tal-analiżi tad-*data*.
10. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' settijiet ta' Big Data, informazzjoni mhux strutturata u bażijiet ta' *data* ta' referenza.
11. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-ġestjoni ta' *metadata*, identifikazzjoni tal-iżolat u analiżi ta' serje temporali u ekonometrika.
12. Esperjenza professjonali fit-tixrid ta' *data* statistika u politiki, standards u linji gwida ta' validazzjoni.
13. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi, għodod, u proċeduri għall-ipproċessar u l-interpretazzjoni ta' *data*, li jistgħu jinvolvu l-użu ta' tekniki kwantitattivi avvanzati għal skopijiet ta' evalwazzjoni u valutazzjoni.

Qasam 2: Il-Post tax-Xogħol Diġitali, Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Informatika Mobbli

1. Esperjenza professjonali fid-definizzjoni u t-fassil ta' soluzzjonijiet/servizzi f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni fuq skala ta' intrapriża relatati mal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-informatika mobbli.
2. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni, l-operat, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' soluzzjonijiet/servizzi f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ta' skala ta' intrapriża fir-rigward tal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-informatika mobbli.
3. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' sigurtà f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ta' skala ta' intrapriża fir-rigward tal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-informatika mobbli.
4. Esperjenza professjonali fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' arkitettura, ta' skjerar u ta' integrazzjoni u l-ġestjoni ta' infrastrutturi u soluzzjonijiet ġodda.
5. Esperjenza professjonali fil-post tax-xogħol diġitali komuni, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-arkitetturi, id-disinn u l-iżvilupp tal-informatika mobbli.

6. Esperjenza professjonali fl-ippjanar tar-riżorsi, inkluża l-analiżi tar-rekwiżiti, l-istima u l-allokkazzjoni tar-riżorsi.
7. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti, jiġifieri PRINCE2, PMI.
8. Esperjenza professjonali fil-qasam ta' prodotti OSS.

Qasam 3: L-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriża (ERP)

1. Esperjenza professjonali f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ERP (Enterprise Resource Planning) ta' skala ta' intrapriża.
2. Esperjenza professjonali fl-analiżi tal-proċess tan-negozju tal-arkitetturi ERP u d-disinn funzjonali.
3. Esperjenza professjonali fil-qasam tat-tekniki u l-metodoloġija tal-implimentazzjoni ERP.
4. Esperjenza professjonali fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-implimentazzjoni ERP, it-twassil tal-funzjonalità u s-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet tan-negozju.
5. Kwalifika f'modulu wieħed jew aktar ta' ERP suites.
6. Esperjenza professjonali fl-ippjanar tar-riżorsi, inkluża l-analiżi tar-rekwiżiti, l-istima u l-allokkazzjoni tar-riżorsi.
7. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti, jiġifieri PRINCE2, PMI.
8. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proċeduri ta' kontroll tal-bidla.

Qasam 4: Is-Sigurtà fl-ICT

1. Esperjenza professjonali fid-disinn, fl-analiżi, fl-abbozzar tekniku u legali u l-implimentazzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà adattati skont il-livell ta' riskju (inklużi kontrolli tal-kwalità pereż. ISO 27000 u l-analiżi tar-riskji u l-ġestjoni tar-riskji).
2. Esperjenza professjonali fl-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni ta' prodotti ta' sigurtà, inkluż l-iżvilupp, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà tas-sigurtà, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, jew it-titjib ta' għodod speċifiċi ta' sigurtà (fost l-oħrajn l-użu ta' soluzzjonijiet open-source fil-qasam tas-sigurtà tal-IT).
3. Esperjenza professjonali: fil-valutazzjoni tas-sigurtà perijodika, il-verifika tas-sigurtà tal-IT, it-testijiet ta' sigurtà, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà, il-monitoraġġ ta' avvenimenti ta' sigurtà u r-rispons f'każ ta' inċident (pereżempju l-użu tal-operazzjonijiet tas-sigurtà, l-amministrazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni, il-verifika tas-sigurtà tal-informazzjoni, il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, inġinerija tas-sigurtà).
4. Esperjenza professjonali fil-verifika tas-sigurtà u l-investigazzjonijiet tal-inċidenti (pereżempju analiżi forensika, analiżi tal-malware, l-analiżi tal-ġurnali awtomatizzati).
5. Esperjenza professjonali fil-miżuri ta' sensibilizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika.
6. Esperjenza professjonali fil-monitoraġġ u fl-iskoperta, ir-rispons fl-inċidenti, l-assigurazzjoni ta' sigurtà, l-inġinerija tas-sigurtà tal-operazzjonijiet (pereżempju l-implimentazzjoni ta' miżuri difensivi, il-produzzjoni tal-intelligence għal kontra t-theddid).
7. Ċertifikazzjoni fuq metodoloġija għall-Ġestjoni tal-Proġetti (pereżempju PMI, Prince2) u/jew fil-ġestjoni tas-servizzi (pereżempju ITIL).
8. Ċertifikazzjonijiet ta' sigurtà fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju, ġestjoni tas-sigurtà jew rispons ta' sigurtà f'każ ta' inċidenti (pereżempju CISSP, SANS/GIAC, CEH, CISA).
9. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti tal-IT u/jew tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT.

Qasam 5: L-infrastruttura tal-IT

1. Kwalifika u/jew esperjenza professjonali fil-ġestjoni tas-servizzi (ċertifikazzjoni ITIL).
2. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (il-komputazzjoni tas-servizzi ta' pjattaforma, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' netwerks u sigurtà).
3. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' kuntratti ta' servizz f'wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (il-komputazzjoni tas-servizzi ta' pjattaforma, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' netwerks u sigurtà) imwassa kompletament jew parzjalment minn fornituri ta' servizzi sottokuntrattati.
4. Esperjenza professjonali fit-teknoloġiji involuti f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:
 - (a) Il-Ġestjoni tal-Pjattaforma ta' Komputazzjoni (Sistemi Operattivi, Virtwalizzazzjoni, Servers fiżiċi).
 - (b) Il-Ġestjoni tal-Ħażna u/jew il-Ġestjoni ta' Servizzi ta' Riżerva.
 - (c) Il-Ġestjoni tal-Infrastruttura tal-Aplikazzjoni/Middleware (Sistemi ta' Ġestjoni ta' Bażijiet ta' *Data* u/jew tal-Kontenut u Server tal-Aplikazzjoni).
 - (d) Il-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-assi ta' ċentri tad-*data* fiżiċi.
 - (e) Il-ġestjoni tan-netwerks u t-teknoloġiji tas-servizzi ta' sigurtà.
5. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti u/jew attivitajiet u servizzi fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informatika.
6. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti, jiġifieri PRINCE2, PMI.
7. Esperjenza professjonali fl-oqfsa tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fuq is-servizzi tan-netwerk u tas-sigurtà.
8. Esperjenza professjonali fid-disinn u fl-implimentazzjoni ta' wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (il-komputazzjoni tas-servizzi ta' pjattaforma, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' netwerks u sigurtà).

Qasam 6: Portafoll tal-IT/ġestjoni tal-programmi u Arkitettura tal-Intrapriża (Enterprise Architecture, EA)

1. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti u/jew fil-ġestjoni tal-attivitajiet u s-servizzi fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informatika u/jew fl-Arkitettura tal-Intrapriża.
2. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni tal-Portafoll u/jew Programm.
3. Esperjenza professjonali fl-ippjanar tar-riżorsi, inkluża l-analiżi tar-rekwiżiti, l-istima u l-allokkazzjoni tar-riżorsi.
4. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija għall-Ġestjoni tal-Proġetti (pereżempju PRINCE2, PMI).
5. Esperjenza professjonali fl-oqfsa, prinċipji u prattiki tal-EA u/jew ċertifikazzjoni fil-prinċipji u l-prattiki tal-EA (pereżempju TOGAF).
6. Esperjenza professjonali fl-istrateġija tal-IT u/jew l-oqfsa ta' Governanza tal-IT (pereżempju COBIT).
7. Esperjenza professjonali fl-immudellar tal-arkitettura ta' intrapriża.
8. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni ta' sistema tal-IT fuq skala kbira.

Tmiem tal-ANNESS II, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX III

REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IL-KOMPETIZZJONIJET ĠENERALI

Kull referenza, fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO, għal persuna ta' sess maskil għandha tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' sess femminil.

WERREJ

	<i>Pàġna</i>
1. MIN JISTA' JAPPLIKA?	13
1.1. Kompetenzi ġenerali	13
1.2. Kundizzjonijiet ġenerali	14
1.3. Kundizzjonijiet speċifiċi	14
1.4. Għarfien ta' lingwi	15
2. KIF TAPPLIKA?	15
2.1. Aghmel it-testijiet interattivi	15
2.2. Oħloq kont tal-EPPO	15
2.3. Applika onlajn	15
2.4. Opportunitajiet indaq u aġġustamenti speċjali	16
3. PROĊEDURA TAS-SELEZZJONI	16
3.1. Il-bord tas-selezzjoni	16
3.2. Mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQ) fuq il-kompjuter u testijiet ta' preselezzjoni	17
3.3. Kontrolli tal-eliġibbiltà	17
3.4. Selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki – (Talent Screener)	18
3.5. Testijiet intermedji	18
3.6. Fażi/ċentru ta' Valutazzjoni	18
3.7. Konferma tal-eliġibbiltà	19
4. KANDIDATI LI GĦADDEW/REKLUTAĠĠ	19
4.1. Lista ta' riserva	19
4.2. Passaport ta' kompetenza	20
5. KOMUNIKAZZJONI	20
5.1. Komunikazzjoni mal-EPPO	20
5.2. Komunikazzjoni mal-bordijiet tas-selezzjoni	20
5.3. Protezzjoni tad- <i>data</i>	20
5.4. Aċċess għall-informazzjoni	20
5.5. Żvelar awtomatiku	21
5.6. Informazzjoni wara talba	21

	<i>Paġna</i>
6. ILMENTI	21
6.1. Biex tikkuntattja lill-EP SO	21
6.2. Kwistjonijiet tekniċi	22
6.3. Żball fil-mistoqsijiet b'għażla multipla bbażati fuq il-kompjuter (MCQs)	22
6.4. Talbiet għal reviżjoni	22
6.5. Ilmenti amministrattivi	23
6.6. Appelli għudizzjarji	23
6.7. Ombudsman Ewropew	24
6.8. Skwalifika	24

INTRODUZZJONI

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) jirreklutaw uffiċjali permezz tal-kompetizzjonijiet ġenerali abbażi ta' eżamijiet kompetittivi li jiżguraw it-trattament ugwali u s-selezzjoni bbażata fuq il-mertu u li l-kandidati eliġibbli kollha jingħataw l-opportunità li juru l-ħiliet tagħhom.

L-għażla tal-uffiċjali ġodda hija kondiviża bejn **l-EP SO (l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal)**, li huwa responsabbli għall-aspetti kollha tal-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet ġenerali, u l-bordijiet tas-selezzjoni, li jstabbilixxu u japprovaw it-testijiet, u jivvalutaw il-kandidati. Il-prinċipju ġenerali li fuqu hija bbażata din is-sistema huwa li d-deċiżjonijiet ta' selezzjoni għandhom jittieħdu b'mod indipendenti, ħielsa minn kull forma ta' influwenza mhux xierqa.

1. MIN JISTA' JAPPLIKA?

1.1. Kompetenzi ġenerali

L-istituzzjonijiet tal-UE jfittxu kandidati b'talenti, motivati u kkwalifikati ħafna fil-qasam tagħhom, u li jistgħu juru li għandhom dawn il-kompetenzi ġenerali li ġejjin:

- **analiżi u soluzzjoni tal-problemi:** jidentifikaw il-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;
- **komunikazzjoni:** jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub;
- **kwalità u riżultati:** jieħdu r-responsabbiltà personali u juru inizzjattiva sabiex jipprovdu xogħol ta' kwalità għolja fi proċeduri stabbiliti;
- **tagħlim u żvilupp:** jiżviluppaw u jtejbu l-kompetenzi personali tagħhom u l-għarfien tagħhom tal-organizzazzjoni u l-ambjent tagħha;
- **prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni:** jiprijoritizzaw il-kompiti l-aktar importanti, jaħdmu b'mod flessibbli u jorganizzaw b'mod effiċjenti x-xogħol tagħhom;
- **reżiljenza:** jibqgħu effettivi f'każ ta' pressjoni għolja ta' xogħol, jegħlbu d-diffikultajiet marbutin mal-organizzazzjoni b'mod pożittiv u jadattaw ruħhom għal ambjent tax-xogħol li jinbidel;
- **ħidma ma' oħrajn:** jaħdmu b'kooperazzjoni mal-oħrajn f'timijiet u lil hinn mill-fruntieri tal-organizzazzjoni u jirrispettaw id-differenzi bejn il-persuni; kif ukoll
- **tmexxija** (għall-amministraturi biss): imexxu, jiżviluppaw u jimmotivaw lin-nies biex jiksbu r-riżultati.

1.2. Kundizzjonijiet ġenerali

Dawn il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà huma komuni għall-kompetizzjonijiet ġenerali kollha, sakemm ma jkunux imsemmija eżenzjonijiet speċifiċi fl-avviż tal-kompetizzjoni, pereżempju għall-pajjiżi li jidħlu fl-UE; il-kandidati għandhom:

- ikunu jgawdu mid-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE;
- ikunu jissodisfaw kull obbligu impost mil-liġijiet dwar is-servizz militari; kif ukoll
- jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar il-karattru meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet rilevanti.

L-uniku limitu tal-età biex tapplika għal kompetizzjoni ġenerali hija l-età tal-irtirar għall-uffiċjali tal-UE stabbilita mir-Regolamenti tal-Persunal (ara s-sit web tal-EPPO: www.eu-careers.eu).

Ikollok tipprovdi dokument uffiċjali li juri ċ-ċittadinanza tiegħek, pereżempju passport jew karta tal-identità, **li jrid ikun validu fid-data tal-għeluq** għall-applikazzjonijiet. B'mod ġenerali, huma meħtieġa dokumenti ta' sostenn fir-rigward taż-żewġ punti l-oħra ta' hawn fuq biss fl-istadju tar-reklutaġġ.

1.3. Kundizzjonijiet speċifiċi

Il-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali jvarjaw skont il-profil meħtieġ u huma stabbiliti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Fl-applikazzjoni tiegħek, għandek tinkludi kemm jista' jkun informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħek (fejn meħtieġ), sabiex il-bord tas-selezzjoni jkun jista' jevalwa r-rilevanza tagħhom għad-dmirijiet speċifiċi.

- (a) **Diplomi u/jew ċertifikati:** Diplomi maħruġa fpajjiżi li mhumiex fl-UE għandhom ikunu rikonossuti minn korp uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE, pereżempju l-Ministeru tal-Edukazzjoni ta' pajjiżek. Se jsiru konċessjonijiet għad-differenzi bejn is-sistemi edukattivi.

Għall-edukazzjoni postsekondarja u taħriġ tekniku, professjonali jew speċjalizzat, indika s-suġġetti koperti, it-tul ta' żmien u jekk dan kienx kors full-time, kors part-time jew kors ta' filgħaxija.

- (b) **L-esperjenza professjonali** (jekk meħtieġa), titqies biss jekk tkun rilevanti għall-funzjonijiet meħtieġa u:

- tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv;
- tkun imħallsa;
- tkun tinvolvi relazzjoni ta' subordinazzjoni jew il-forniment ta' servizz; kif ukoll
- tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - **ħidma volontarja:** jekk imħallsa u tinvolvi ħinijiet fil-ġimgħa u tul bħal impjeg normali;
 - **apprendistati:** jekk imħallsa;
 - **servizz militari obligatorju:** magħmul qabel jew wara d-diploma meħtieġa għal perjodu li ma jaqbiżx id-durata statutorja fl-Istat Membru tiegħek;
 - **liv tal-maternità/tal-paternità/tal-adozzjoni:** jekk kopert minn kuntratt ta' impjeg;
 - **dottorat:** għal perjodu massimu ta' tliet snin, bil-kundizzjoni li d-dottorat ikun effettivament inkiseb, u jekk ix-xogħol kienx imħallas jew le; kif ukoll
 - **xogħol part-time:** ikkalkulat *pro rata* skont in-numru ta' sigħat maħduma, pereżempju half-time għal sitt xhur ikun jiswa daqs tliet xhur.

Il-perjodi kollha ta' attività professjonali għandhom ikunu koperti minn oriġinali jew fotokopji ċertifikati ta':

- **referenzi minn impjegatur(i) fil-passat kif ukoll mill-impjegatur(i) attwali** li jiddikjaraw in-natura u l-livell tad-dmirijiet imwettqa, id-dati tal-bidu u tat-tmiem, it-timbru uffiċjali tal-kumpanija u l-isem u l-firma tal-persuna responsabbli; jew
- (jekk ma tistax teħmeż referenzi) **il-kuntratt(i) tax-xogħol flimkien mal-ewwel u l-aħħar irċevuta tal-paga**, b'deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet imwettqa;
- (għal xogħol mingħajr paga fissa pereżempju impjegat għal rasek jew professjonijiet liberali) **fatturi jew formoli ta' ordnijiet** li jiddeskrivu x-xogħol imwettaq jew kull dokument uffiċjali ta' prova ieħor rilevanti;
- (għall-interpreti ta' konferenzi, fejn l-esperjenza professjonali hija meħtieġa) dokumenti li juru **l-għadd ta' jiem**, u **l-lingwi interpretati** minn u lejn, relatati speċifikament mal-interpretazzjoni ta' konferenzi.

1.4. Għarfien ta' lingwi

F'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal, ikollok bżonn tal-anqas għarfien profond (livell C1 tal-QKERL ⁽¹⁾) ta' lingwa uffiċjali waħda tal-UE u għarfien sodisfaċenti (livell B2 tal-QKERL) ta' lingwa oħra.

Il-ħtiġijiet lingwistiċi speċifiċi jvarjaw skont il-profil u se jiġu deskritti fl-avviż ta' kompetizzjoni. Fil-każ ta' profili lingwistiċi b'mod partikolari, l-għarfien ta' lingwi addizzjonali jista' jkun meħtieġ.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova sabiex tipprova l-għarfien tiegħek tal-lingwi, minbarra għal ċerti kompetizzjonijiet għal lingwisti (ara t-Taqsima 1.3) jew speċjalisti.

2. KIF TAPPLIKA?

2.1. Aghmel it-testijiet interattivi

Skont il-kompetizzjoni li tapplika għaliha, tista' tintalab li tagħmel kwestjonarju interattiv ta' awto-selezzjoni jew test/ijiet ta' awto-valutazzjoni. Dawn għandhom jagħtuk idea tal-livell meħtieġ biex tgħaddi mill-eżamijiet ta' pre-selezzjoni kif ukoll jekk intix adattat għal karriera fl-istitutazzjonijiet tal-UE.

2.2. Oħloq kont tal-EP SO

Tista' toħloq il-kont tiegħek permezz tas-sit web tal-EP SO (www.eu-careers.eu). Dan jintuża għal:

- l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni(jiet) tiegħek;
- biex tirċievi l-komunikazzjonijiet mill-EP SO; kif ukoll
- il-ħażna tad-*data* personali.

Tista' toħloq **kont tal-EP SO wieħed biss** għal kull applikazzjoni. Tista' tiġi skwalifikat f'kull fażi tal-proċedura tas-selezzjoni jekk l-EP SO jiskopri li għandek aktar minn kont wieħed (ara t-Taqsima 6.8).

2.3. Applika onlajn

Għandek tapplika permezz tas-sit web tal-EP SO fil-lingwi speċifikati fl-avviż tal-kompetizzjoni. Għal xi oqsma jew profili ppubblikati fl-istess ħin, tista' tapplika biss għal qasam jew profil wieħed. Dan huwa indikat b'mod ċar fl-avviż tal-kompetizzjoni.

⁽¹⁾ Il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi; <https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>

Skont il-kompetizzjoni, tista' tintalab għal informazzjoni dwar:

- id-diplomi/il-kwalifiki;
- l-esperjenza professjonali (jekk meħtieġa);
- il-motivazzjoni għall-applikazzjoni;
- l-għarfien ta' lingwi uffiċjali tal-UE;
- l-esperjenza u l-kwalifiki speċifiċi (ara t-Taqsima 3.4); jew
- l-aġġustamenti speċjali meħtieġa biex tagħmel it-testijiet (ara t-Taqsima 2.4).

Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi ta' eliġibbiltà kollha jridu jiġu ssodisfati **sad-data/i ta' skadenza speċifikat/i** fl-avviż tal-kompetizzjoni. Huwa permezz tal-validazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek li tiċċertifika fuq l-unur tiegħek li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, ma tkunx tista' tibqa' tagħmel bidliet oħra. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek **sal-iskadenza**.

2.4. **Opportunitajiet indaqs u aġġustamenti speċjali**

L-EPPO konsistentement japplika politika ta' opportunitajiet indaqs fil-proċeduri tas-selezzjoni tiegħu sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-kandidati kollha.

L-EPPO jieħu l-miżuri raġjonevoli kollha biex jiżgura li kandidati b'diżabbiltà jew bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet fuq bażi ugwali mal-kandidati l-oħra.

Jekk għandek diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' tfixkel l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek bżonn. Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa wara l-iskadenza għall-applikazzjonijiet, għandek tinforma lill-EPPO malajr kemm jista' jkun billi tuża l-informazzjoni indikata hawn taħt.

Innota li se jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPPO sabiex it-talba tiegħek tittieħed inkunsiderazzjoni. Id-dokumenti ta' prova tiegħek se jiġu eżaminati, b'tali mod li l-akkomodazzjoni raġjonevoli tista' ssir meta dan ikun meħtieġ.

Għandek issib l-informazzjoni kollha li għandek bżonn fl-applikazzjoni tiegħek u fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.eu).

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil EPPO accessibility Team permezz ta':

- l-e-Mail (EPPO-accessibility@ec.europa.eu);
- il-faks (+ 32 22998081); jew
- il-posta:

European Personnel Selection Office (EPPO)
EPPO accessibility
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
Belgique/België

3. PROCÉDURA TAS-SELEZZJONI

3.1. **Il-bord tas-selezzjoni**

Jiġi maħtur bord tas-selezzjoni biex iqabbel lill-kandidati u jagħżel l-aħjar fosthom fuq il-bażi tal-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Il-bordijiet ta' selezzjoni huma magħmula minn uffiċjali, nofshom maħtura mill-amministrazzjoni (servizzi tal-HR) u n-nofs l-ieħor mill-kumitat tal-personal. L-ismijiet tal-membri tal-bord tas-selezzjoni huma ppubblikati fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.eu)

3.2. Mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQ) fuq il-kompjuter u testijiet ta' preselezzjoni

Il-bord tas-selezzjoni jiddetermina l-livell ta' diffikultà tat-testijiet MCQ u japprova l-kontenut tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO. It-testijiet jiġu mmarkati bil-kompjuter.

Fil-kompetizzjonijiet għal profili speċjalizzati, li jinkludu għażla bbażata fuq il-kwalifiki (ara t-Taqsima 3.4), it-testijiet MCQ huma organizzati bħala fażi ta' preselezzjoni biss jekk l-għadd ta' kandidati li japplikaw ikun ogħla minn ċertu limitu. Dan il-limitu jkun stabbilit mid-Direttur tal-EPPO, fil-kwalità tiegħu bħala awtorità tal-ħatra wara l-iskadenza għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet u jkun ippubblikat fuq is-sit web tal-EPPO (www.eu-careers.eu). F'kompetizzjonijiet li jkopru diversi oqsma, dan jista' jvarja minn qasam għall-ieħor. Fejn in-numru ta' kandidati jibqa' taħt il-limitu, it-testijiet MCQ se jsiru matul iċ-ċentru/il-fażi tal-valutazzjoni.

Skont il-profil, l-MCQ jistgħu jkopru:

- **ir-raġunament verbali:** sabiex jivvaluta l-abbiltà tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem l-informazzjoni verbali;
- **ir-raġunament numeriku:** sabiex jivvaluta l-abbiltà tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem l-informazzjoni numerika;
- **ir-raġunament astratt:** sabiex jivvaluta l-abbiltà tiegħek li taħseb b'mod loġiku u tifhem ir-relazzjonijiet bejn il-kunċetti li ma jinvolve l-ebda elementi lingwistiċi, spazjali jew numeriċi;
- **il-valutazzjoni sitwazzjonali:** sabiex jivvaluta l-komportament tipiku tiegħek f'kuntest tax-xogħol;
- **il-kompetenzi lingwistiċi;** kif ukoll
- **il-kompetenzi professjonali speċifiċi.**

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, **trid tibbukkja** appuntament għat-testijiet MCQ skont l-istruzzjonijiet fil-kont tal-EPPO tiegħek u fuq il-websajt tal-EPPO (www.eu-careers.eu).

Normalment tiġi offrut diversi dati li fihom inti tista' tagħmel it-testijiet, f'diversi postijiet. Il-perjodi tal-prenotazzjoni u l-ittestjar **huma limitati**. Jekk ma tibbukkjax jew ma tmurx għat-testijiet **se tkun skwalifikat** mill-kompetizzjoni (ara t-Taqsima 6.8).

3.3. Kontrolli tal-eliġibbiltà

L-EPPO jivverifika jekk int, skont l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tiegħek, tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà stipulati fl-avviż tal-kompetizzjoni. Il-bord ta' selezzjoni jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà. L-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni tiegħek tiġi eżaminata kontra d-dokumenti ta' sostenn tiegħek fi stadju aktar tard (sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni). Il-kandidati li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà kollha indikati fl-avviż tal-kompetizzjoni se jiġu esklużi.

Jekk il-kompetizzjoni tinkludi testijiet ta' preselezzjoni MCQ (ara t-Taqsima 3.2), il-kontrolli ta' eliġibbiltà jseħħu wara li jsiru daww it-testijiet, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

L-għadd ta' kandidati li jkunu mistiedna għall-istadju li jmiss tal-proċess tas-selezzjoni huwa stabbilit fl-avviż tal-kompetizzjoni jew mid-Direttur tal-EPPO li jagħxi bħala l-awtorità tal-ħatra.

Jekk it-testijiet MCQ jiġu organizzati minn qabel, il-fajls tal-kandidati jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-marki miksuba sakemm jintlaħaq il-limitu għan-numru ta' kandidati eliġibbli definit għal kull qasam mill-EPPO li tagħxi bħala awtorità tal-ħatra. Il-fajls l-oħrajn ma jiġux iċċekkjati.

Jekk it-testijiet MCQ bil-kompjuter ma jiġux organizzati minn qabel, il-fajls tal-kandidaturi kollha jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà.

Fejn ikun hemm kandidati li kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn se jiġu mistiedna t-tnejn/kollha. L-applikazzjonijiet tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu ma jiġux eżaminati.

3.4. Selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki (Talent Screener)

Għall-biċċa l-kbira tal-profilu speċjalisti, trid tgħaddi minn fażi tat-Talent Screener imfassla biex tagħżel il-kandidati li l-kwalifiki tagħhom, speċjalment diplomi u esperjenza professjonali, l-aktar joqorbu lejn id-dmirijiet meħtieġa.

Il-kandidati kollha f'kompetizzjoni jwieġbu l-istess sett ta' mistoqsijiet fit-taqsimi Talent Screener tal-formola ta' applikazzjoni. B'dan il-mod, il-bord tas-selezzjoni jkun jista' jwettaq valutazzjoni oġġettiva tal-merti komparattivi tal-kandidati kollha b'mod strutturat.

Il-fażi tat-Talent Screener tiġi wara l-kontrolli tal-eliġibbiltà, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni. Il-bord tas-selezzjoni jivvaluta biss dawk il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà. L-evalwazzjoni ssir **biss** skont ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet tat-Talent Screener. Għalhekk għandek tinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti hawnhekk, anki jekk tkun diġà semmejtha f'taqsimiet oħra tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek.

Il-bord tas-selezzjoni l-ewwel jiddeċiedi dwar il-piż li jagħti (minn 1 sa 3) għal kull mistoqsija skont l-importanza tagħha u mbagħad jagħti marka minn 0 sa 4 għal kull tweġiba tiegħek. Dawn il-punti jiġu mmultiplikati skont il-piż li jingħata lil kull mistoqsija u jingħaddu.

L-għadd ta' kandidati bl-ogħla marki jgħaddu għall-istadju li jmiss. In-numru ta' kandidati jiġi speċifikat fl-avviż tal-kompetizzjoni u jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-EPPO. Il-kandidati li jiġu fl-aħħar post disponibbli f'daqqa se jgħaddu t-tnejn/kollha.

3.5. Testijiet intermedji

Il-kontenut ta' dawn it-testijiet huwa vvalidat mill-bord tas-selezzjoni. Skont il-kompetizzjoni, dawn jistgħu jinkludu:

- **e-tray:** test ibbażat fuq il-kompjuter li fih int tintalab twieġeb serje ta' mistoqsijiet bl-użu tad-dokumentazzjoni pprovduta finbox tal-posta elettronika;
- **test preliminari tal-interpretazzjoni:** li jinvolvi l-interpretazzjoni simultanja ta' diskors irregiſtrat, u possibbilment bl-użu ta' materjal awdjoviv; u
- **testijiet tal-interpretazzjoni:** testijiet konsekuttivi u simultanji tal-interpretazzjoni;
- **intervista mill-bogħod:** biex tivvaluta l-kompetenzi speċifiċi tiegħek fil-qasam u/jew il-ħila tiegħek li tikkomunika bil-fomm f'lingwa partikolari;
- **testijiet preliminari tat-traduzzjoni:** it-traduzzjoni fil-lingwa tal-kompetizzjoni ewlieni ta' test abbozzat f'lingwa (i) magħżula oħra/oħrajn; u/jew
- **testijiet tal-komprensjoni tal-lingwa** li jinkludu mistoqsijiet b'għażla multipla.

3.6. Fażi/Ċentru ta' Valutazzjoni

Iċ-ċentru/Il-fażi ta' valutazzjoni normalment isir fi Brussell jew il-Lussemburgu, u jista' jsir matul jum wieħed jew aktar. Sabiex tirċievi passaport ta' kompetenza u tkun eliġibbli għal din il-lista, trid tipparteċipa fit-testijiet kollha. Kemm il-kompetenzi ġenerali tiegħek (ara t-Taqsimi 1.1) kif ukoll il-kompetenzi speċifiċi (relatati mad-dmirijiet ikkonċernati) se jkun ttestjati.

Il-kontenut tat-testijiet tal-fażi/taċ-ċentru ta' valutazzjoni huwa vvalidat mill-bord tas-selezzjoni. Skont il-kompetizzjoni, dawn jistgħu jinkludu:

- **studju ta' każ partikolari:** eżami bil-miktub fuq il-bażi ta' xenarju rilevanti, fejn għandek tirreaġixxi jew issolvi diversi problemi billi tibbaża biss fuq il-materjal ipprovdut;
- **preżentazzjoni orali:** eżami individwali ta' analiżi u ta' preżentazzjoni li fih trid tħejji propoſta biex issolvi problema immaġinarja marbuta ma' sitwazzjoni professjonali. Wara analiżi tad-dokumentazzjoni li tingħatalek, inti tippreżenta l-ideat tiegħek lil grupp żgħir ta' nies;

- **intervista/i bbażata/i fuq il-kompetenzi:** eżerċizzju individwali mmirat biex jiġbor, b'mod strutturat, informazzjoni rilevanti dwar il-kompetenzi ġenerali u/jew (fil-każ ta' kompetizzjonijiet speċjalizzati) speċifiċi fuq il-bażi tal-esperjenza tiegħek fil-passat;
- **eżerċizzju fi grupp:** wara li tassorbi ċertu ammont ta' informazzjoni waħdek, inti titqiegħed fi grupp ma' numru ta' parteċipanti oħra biex tiddiskuti magħhom ir-riżultati tiegħek u taslu għal deċiżjoni kollettiva;
- **e-tray:** test ibbażat fuq il-kompjuter li fiha int tinalab twieġeb serje ta' mistoqsijiet bl-użu tad-dokumentazzjoni pprovduta f'inbox tal-posta elettronika;
- **eżamijiet prattiċi fil-lingwa;**
- **eżerċizzji oħra biex jittestjaw kompetenzi speċifiċi;**
- **testijiet verbali, numeriċi, tar-raġunament astratt u tal-valutazzjoni sitwazzjonali** (jekk dawn ma sarux fl-istajdu tal-preselezzjoni);

3.7. Konferma tal-eliġibbiltà

L-eliġibbiltà tiegħek se tiġi kkonfermata skont id-dokumenti ta' sostenn tiegħek qabel ma titqiegħed fuq il-lista ta' riżerva (ara 4.1). Il-lista hija stabbilita billi tiġi ċekkjata l-eliġibbiltà tal-kandidati f'ordni dixxendenti ta' mertu, abbażi tal-punteġġi tagħhom wara l-fażi/iċ-ċentru ta' valutazzjoni, sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jikkwalifikaw. Il-fajls tal-kandidati li jiġu kklassifikati taħt dan il-limitu ma jiġux eżaminati.

Aħna se ninfurmawk liema dokumenti ta' sostenn għandek b'zonn tipprovdi u meta. Jekk tiġi mistieden fiċ-ċentru/fil-fażi ta' valutazzjoni fi Brussell, normalment tkun trid iġġib miegħek id-dokumenti oriġinali tiegħek li niskennjawhom u nagħtuhomlok lura fl-istess ġurnata. Għal testijiet taċ-ċentru/tal-fażi ta' valutazzjoni f'post ieħor, se tirċievi struzzjonijiet dettaljati mal-istedina.

Jekk l-informazzjoni fl-applikazzjoni tiegħek ma tkunx appoġġata mid-dokumenti xierqa, tista' tiġi eskluż mill-kompetizzjoni. Tista' tinalab informazzjoni jew dokumenti addizzjonali f'kull stadju tal-proċedura.

4. KANDIDATI LI GĦADDEW/REKLUTAĠĠ

4.1. Lista ta' riserva

L-għan ta' kompetizzjoni, mhuwiex li jimtela post speċifiku, iżda li tiġi stabbilita bażi tad-*data* ("il-lista ta' riżerva") li minnha l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jirreklutaw l-uffiċjali futuri tagħhom.

Il-bord tas-selezzjoni jistabbilixxi lista ta' riżerva li tiġbor fiha l-ismijiet tal-kandidati eliġibbli li jkunu ġabu l-ogħla punteġġi. L-għadd ta' kandidati magħżula huwa stabbilit fl-avviż tal-kompetizzjoni. Fejn kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli, dawn jiġu inklużi t-tnejn/kollha fil-lista ta' riżerva. Imbagħad, din il-lista tintbagħat lill-istituzzjonijiet tal-UE. L-inklużjoni f'lista ta' riżerva ma tfissirx li għandek **xi dritt jew garanzija ta' reklutaġġ**.

Il-lista ta' riżerva, kif ukoll id-*data* tal-iskadenza tagħha jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. F'ċerti każi, huwa possibbli li l-validità tal-lista tiġi estiża. Kull deċiżjoni dwar l-estensjoni ta' lista tiġi ppubblikata biss fuq is-sit web tal-EPPO.

Il-kandidati magħżula jistgħu jitolbu li isimhom ma jiġix ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*. Din it-talba għandha tasal għand l-EPPO sa mhux iktar tard minn għaxart (10) ijiem kalendarji wara d-*data* li fiha l-kandidati jiġu notifikati dwar ir-riżultati tagħhom permezz tal-kont tal-EPPO tagħhom.

4.2. Passaport ta' kompetenza

Il-kandidati kollha li jlestu t-testijiet tal-fażi/taċ-ċentru ta' valutazzjoni kollha ^u ma jiġux skwalifikati ^(ara t-Taqsima 6⁸) se jirċievu "passaport ta' kompetenza") li jipprovdi informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar kif ikunu marru fil-fażi/fiċ-ċentru ta' valutazzjoni.

Il-passaporti ta' kompetenza tal-kandidati ta' suċċess se jkunu disponibbli għall-istituzzjonijiet Ewropej fil-proċeduri ta' reklutaġġ u l-iżvilupp tal-karriera futura.

5. KOMUNIKAZZJONI

5.1. Komunikazzjoni mal-EP SO

Għandek tikkonsulta l-kont tal-EP SO tiegħek **tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa** biex iżżomm kont tal-progress tiegħek matul il-kompetizzjoni. Jekk ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba problema teknika fis-sit web tal-EP SO, għandek tinfurmana immedjatament permezz tat-Taqsima "Contact us" (Ikkuntattjana) fis-sit web tal-EP SO (www.eu-careers.eu).

Aħna nirriżervaw id-dritt li ma nagħtux informazzjoni li diġà hija ddikjarata b'mod ċar fl-avviż tal-kompetizzjoni, fl-annessi tiegħu, u fis-sit web tal-EP SO inkluż fil-"mistoqsijiet li jsiru ta' spiss".

F'kull korrisondenza relatata ma' applikazzjoni, semmi **ismek** kif mogħti fl-applikazzjoni tiegħek, **in-numru tal-applikazzjoni** tiegħek u **n-numru ta' referenza tal-proċedura tas-selezzjoni**.

L-EP SO japplika l-prinċipji tal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba http://ec.europa.eu/transparency/code/index_mt.htm (kif ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*). Għaldaqstant, aħna nirriservaw id-dritt li nwaqqfu kull korrisondenza mhux xierqa (jiġifieri ripetittiva, abbużiva u/jew irrelevanti).

5.2. Komunikazzjoni mal-bordijiet tas-selezzjoni

Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-bord tas-selezzjoni, huwa strettament ipprobit għal kull persuna barra mill-bord tas-selezzjoni, inklużi l-kandidati, li tipprowa tagħmel kuntatt ma' wieħed mill-membri tiegħu, ħlief fil-kuntest tat-testijiet li jeħtieġu interazzjoni diretta bejn il-kandidati u l-bord.

Il-kandidati li jixtiequ jesprimu l-fehma tagħhom jew jafferaw id-drittijiet tagħhom għandhom jagħmlu dan bil-miktub, billi jindirizzaw il-korrisondenza għall-attenzjoni tal-bord tas-selezzjoni lill-EP SO, li mbagħad jgħaddiha lill-bord. L-interventi kollha diretti jew indiretti tal-kandidati li jsiru mingħajr ma jiġu segwiti dawn il-proċeduri huma pprobiti u jistgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-kompetizzjoni.

L-eżistenza ta' relazzjoni familjari bejn kandidat u membru tal-bord tas-selezzjoni, b'mod partikolari, tagħti lok għal konflitt ta' interess. Il-bordijiet tas-selezzjoni huma mitluba jiddikjaraw kull sitwazzjoni bħal din lill-EP SO immedjatament meta jsiru jafu bihom. L-EP SO se jevalwa kull każ individwalment u jieħu l-miżuri xierqa. In-nuqqas ta' rispett tar-regoli msemmija hawn fuq jista' jagħmel lill-membri tal-ġurija suġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u jirriżulta fi skwalifika mill-kompetizzjoni għall-kandidati (ara t-taqsima 6.8).

5.3. Protezzjoni tad-data

L-EP SO jggarantixxi l-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-data personali tal-kandidati f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali. Id-data anonimizzata tat-testijiet tista' tintuża għar-riċerka xjentifika. Aktar taġġir jista' jinstab fid-dikjarazzjoni ta' privatezza tal-protezzjoni tad-data fil-kont tal-EP SO tiegħek.

5.4. Aċċess għall-informazzjoni

Il-kandidati għandhom drittijiet speċifiċi ta' aċċess għal ċertu informazzjoni personali, mogħtija fid-dawl tal-obbligu ta' motivazzjoni, sabiex ikun jista' jsir appell jekk deċiżjoni ta' rifjut ma tkunx fondata.

Dan l-obbligu ta' motivazzjoni għandu jkun ibbilanċjat mal-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni, li jiżgura l-indipendenza u l-oġġettività. Bħala riżultat, l-attitudnijiet adottati mill-membri individwali tal-bordijiet tas-selezzjoni jew il-valutazzjonijiet komparattivi tal-kandidati ma jistgħux jiġu żvelati.

Dawn id-drittijiet huma speċifiċi għall-kandidati f'kompetizzjoni ġenerali u l-leġislazzjoni dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tista' ma tagħtix lok għal drittijiet minbarra dawk speċifiċi f'din it-taqsima.

5.5. Żvelar awtomatiku

Se **tirċievi awtomatikament** l-informazzjoni li ġejja permezz tal-kont tiegħek tal-EP SO wara kull stadju tal-proċess ta' selezzjoni:

- **It-testijiet MCQ:** Ir-riżultati tiegħek u tabella bit-tweġibiet tiegħek u t-tweġibiet korretti skont in-numru ta' referenza/l-ittra. L-aċċess **għat-test tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet huwa eskluż espliċitament;**
- **eliġibbiltà:** jekk ġejtx ammess; jekk le, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà li ma kinux issodisfati.
- **Talent Screener:** ir-riżultati tiegħek u tabella bil-piżijiet tal-mistoqsijiet, il-punti mogħtija għat-tweġibiet tiegħek u l-punteġġ totali tiegħek;
- **testijiet preliminari:** ir-riżultati tiegħek;
- **testijiet intermedji:** ir-riżultati tiegħek;
- **fażi/ċentru ta' Valutazzjoni:** ir-riżultati tiegħek u l-passaport tal-kompetenza tiegħek li juri l-marki globali tiegħek għal kull kompetenza u l-kummenti tal-bord tas-selezzjoni.

Bħala regola, l-EP SO ma jikkomunikax lil kandidati l-ebda testi sors jew eżerċizzji tat-test, peress li dawn huma intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri. Għal ċerti testijiet, madankollu, f'ċerti eżerċizzjonijiet ikun jista' jippubblika t-testi sors jew eżerċizzji fuq is-sit web tiegħu jekk:

- it-testijiet ikunu tlestew;
- ir-riżultati jkunu ġew stabbiliti u kkomunikati lill-kandidati; kif ukoll
- it-testi sors/l-eżerċizzji mhumiex intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri.

5.6. Informazzjoni fuq talba

Tista' titlob kopja **mhux ikkoreġuta** tat-tweġibiet tiegħek fit-testijiet bil-miktub fejn il-kontenut **mhux maħsub biex jerġa' jintuża** f'kompetizzjonijiet futuri. Dan jinkludi b'mod espliċitu tweġibiet għal studji ta' każijiet.

Il-karti tat-tweġibiet ikkoreġuti u d-dettalji tal-immarkar, b'mod partikolari, huma koperti mis-segretezza tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni u **ma jiġux żvelati**.

L-EP SO jagħmel l-almu tiegħu biex jagħmel l-iżjed informazzjoni possibbli disponibbli għall-kandidati kollha, skont l-obbligu ta' motivazzjoni, in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali. It-talbiet kollha għall-informazzjoni se jiġu evalwati fid-dawl ta' dawn l-obbligi.

Kull talba għal informazzjoni għandha tkun mibgħuta permezz tat-taqsim "Contact us" (Ikkuntattjana) tas-sit web tal-EP SO (www.eu-careers.eu) fi żmien għaxart (10) jjiem kalendarji mill-jum li fi h ir-riżultati tiegħek jiġu ppubblikati fuq il-kont EP SO tiegħek.

6. ILMENTI

6.1. Biex tikkuntattja lill-EP SO

Jekk, f'kull stadju tal-proċedura tas-selezzjoni, tiltaqa' ma' problema teknika jew organizzattiva serja, sabiex inkunu nistgħu ninvestigaw il-kwistjoni u nieħdu miżuri korrettivi, **informa lill-EP SO immedjatament:**

- preferibbilment permezz tal-formola ta' kuntatt onlajn fuq is-sit web tal-EP SO (www.eu-careers.eu — ara "Contact us" (Ikkuntattjana)); jew

— bil-posta:

European Personnel Selection Office (EPSO)
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
Belgique/België

F'kull korrispondenza, jekk jogħġbok indika ismek (kif mogħti fl-applikazzjoni tiegħek), in-numru tal-applikazzjoni tiegħek u n-numru tal-proċedura tas-selezzjoni.

6.2. Kwistjonijiet tekniċi

Għal problemi li jseħħu barra miċ-ċentri tat-testijiet (pereżempju dwar il-proċess ta' applikazzjoni jew tal-ibbukkar), ikkuntattja lill-EPSO (ara t-Taqsima 6.1) b'deskrizzjoni qasira tal-problema.

Jekk il-problema sseħħ f'ċentru tat-testijiet:

- informa lill-inviġilaturi u itlobhom jirreġistraw l-ilment tiegħek bil-miktub; kif ukoll
- ikkuntattja lill-EPSO (ara t-Taqsima 6.1) b'deskrizzjoni qasira tal-problema.

6.3. Żball fil-mistoqsijiet b'għażla multipla bbażati fuq il-kompjuter (MCQs)

Il-bażi tad-*data* MCQ hija suġġetta għal kontroll ta' kwalità fil-fond permanenti mill-EPSO u l-bordijiet tas-selezzjoni.

Jekk temmen li żball f'waħda jew aktar MCQs affettwa l-abbiltà tiegħek li twieġeb, għandek id-dritt li titlob li l-mistoqsija/ijiet tiġi/jiġu rieżaminata/i mill-bord tas-selezzjoni (bil-proċedura ta' "newtralizzazzjoni").

Il-bord tas-selezzjoni jista' jiddeċiedi li jannulla l-mistoqsija li fiha l-iżball u li jqassam il-punti mal-mistoqsijiet l-oħra tat-test. Dawk il-kandidati li jkunu rċevew din il-mistoqsija biss se jiġu affettwati minn dan il-kalkolu mill-ġdid. L-immarkar tat-testijiet jibqa' kif imsemmi fl-avviż tal-kompetizzjoni.

L-arranġamenti għal ilmenti huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lill-EPSO (ara t-Taqsima 6.1) **biss permezz tal-formola ta' kuntatt onlajn;**
- **data ta' skadenza:** fi żmien **għaxart (10) ijiem kalendarji** mid-*data* tat-testijiet tiegħek ibbażati fuq il-kompjuter;
- **referenza:** "proċedura ta' lment";
- **tagħrif addizzjonali:** iddeskrivi fuq iex kienet il-mistoqsija (il-kontenut) sabiex tiġi/jiġu identifikata/i l-mistoqsija/ijiet ikkonċernata/i, u spjega n-natura tal-iżball allegat b'mod ċar kemm jista' jkun.

Kull ilment li jindika biss problemi allegati ta' traduzzjoni, pereżempju, mingħajr aktar dettalji mhux se jiġi aċċettat.

It-talbiet li jaslu wara l-iskadenza, jew li ma jiddeskrivux b'mod ċar il-mistoqsija(ijiet) ikkontestata/i u l-allegat żball mhux se jiġu kkunsidrati.

6.4. Talbiet għal revizzjoni

Tista' titlob revizzjoni ta' kull **deċiżjoni** meħuda mill-bord tas-selezzjoni jew mill-EPSO li tistabbilixxi r-riżultati tiegħek u/jew tiddetermina jekk tistax tipproċedi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni jew tiġix eskluż.

It-talbiet għal reviżjoni jistgħu jkunu bbażati fuq:

- irregolarità materjali fil-proċess tal-kompetizzjoni; u/jew
- nuqqas ta' konformità, mill-bord tas-selezzjoni jew l-EPPO, mar-Regolamenti tal-Persunal, l-avviż tal-kompetizzjoni, l-annessi tiegħu u/jew il-ġurisprudenza.

Innota li ma tistax tikkontesta l-validità tal-valutazzjoni tal-bord tas-selezzjoni dwar il-kwalità tal-ħidma tiegħek fit-test jew ir-rilevanza tal-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħek. Din il-valutazzjoni hija ġudizzju ta' valur magħmul mill-bord u jekk ma taqbilx ma' din l-evalwazzjoni tat-testijiet, l-esperjenza u/jew il-kwalifiki tiegħek ma jfissirx li hija għamel żball. It-talbiet għal rieżami sottomessi fuq din il-bażi ma jwasslux għal riżultat pożittiv.

L-arranġamenti għal talbiet għal rieżami huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lil EPPO (ara t-Taqsima 6.1);
- **data ta' skadenza:** fi żmien **għaxart (10) ijiem kalendarji** mid-data li fiha d-deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata fil-kont EPPO tiegħek;
- **referenza:** "talba għal rieżami";
- **tagħrif addizzjonali:** indika b'mod ċar id-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta, u fuq liema bażi.

Għandek tirċievi rikonoxximent tal-irċevuta fi żmien 15-il jum tax-xogħol. Skont id-deċiżjoni kkontestata, jew il-bord tas-selezzjoni jew l-EPPO se janalizzaw it-talba tiegħek u tirċievi tweġiba motivata malajr kemm jista' jkun.

Jekk ir-riżultat ikun pożittiv, se terġa' tiddaħħal fil-proċess tas-selezzjoni fl-istadju li fih ġejt eskluż.

6.5. Ilmenti amministrattivi

Bħala kandidat f'kompetizzjoni ġenerali, għandek id-dritt li tindirizza lment amministrattiv lid-Direttur tal-EPPO bħala l-awtorità tal-ħatra.

Tista' tippreżenta lment kontra deċiżjoni, jew in-nuqqas tagħha, li direttament u immedjatament taffettwa l-istatus legali tiegħek bħala kandidat, biss jekk ir-regoli li jirregolaw il-proċedura tas-selezzjoni ġew miksura b'mod ċar. **Id-Direttur tal-EPPO ma jistax ibiddel ġudizzju ta' valur magħmul minn bord tas-selezzjoni** (ara t-Taqsima 6.4).

L-arranġamenti għal ilmenti amministrattivi huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lil EPPO (ara t-Taqsima 6.1);
- **data ta' skadenza:** fi żmien **tlit xhur** min-notifika tad-deċiżjoni kkontestata jew mid-data li fiha d-deċiżjoni suppost saret;
- **referenza:** "proċedura ta' lment".

6.6. Appelli ġudizzjarji

Bħala kandidat f'kompetizzjoni ġenerali, għandek id-dritt li tippreżenta appell ġudizzjarju quddiem il-Qorti Ġenerali.

Jekk tixtieq tappella kontra deċiżjoni meħuda mill-EPPO, l-ewwel għandek tagħmel ilment amministrattiv (ara t-Taqsima 6.5).

L-arranġamenti għal appelli ġudizzjarji huma kif ġej:

proċedura: Jekk jogħġbok ikkonsulta l-websajt tal-Qorti Ġenerali (<http://curia.europa.eu/jcms/>).

6.7. Ombudsman Ewropew

Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE jistgħu jaġhmlu lment għand l-Ombudsman Ewropew.

Qabel ma tippreżenta lment lill-Ombudsman, l-ewwel għandek tiegħu l-passi amministrattivi xierqa mal-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati (ara t-Taqsimiet 6.1–6.5).

L-ilment lill-Ombudsman ma jestendix l-iskadenzi għat-tressiq ta' ilmenti jew appelli ġudizzjarji amministrattivi.

L-arranġamenti għall-ilmenti lill-Ombudsman huma kif ġej:

— **proċedura:** Jekk jogħġbok ikkonsulta l-websajt tal-Ombudsman Ewropew (<http://www.ombudsman.europa.eu/>).

6.8. Skwalifika

Tista' tiġi skwalifikat f'kull stadju tal-proċedura tas-selezzjoni jekk l-EPPO jiskopri li int:

- ħloqt iktar minn kont tal-EPPO wieħed;
- applikajt għal oqsma jew profili inkompatibbli (ara t-Taqsima 2.3);
- għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew mingħajr sostenn;
- ma bbukkajtx jew ma għamiltx it-testijiet tiegħek;
- qarraqt waqt it-testijiet;
- ippruvajt tikkuntattja membru tal-bord tas-selezzjoni b'mod mhux awtorizzat;
- inqast milli tinnotifika lill-EPPO b'possibilità ta' kunflitt ta' interess ma' membru tal-bord tas-selezzjoni;
- b'għatt l-applikazzjoni tiegħek b'lingwa differenti minn dik/dawk speċifikati fl-avviż tal-kompetizzjoni; u/jew
- iffirrajt jew ktibt marka distintiva fuq testijiet immarkati b'mod anonimu bil-miktub jew prattiċi.

Il-kandidati għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet tal-UE għandhom juru l-ogħla livell possibbli ta' integrità. Il-frodi jew it-tentattivi ta' frodi jistgħu jesponuk għal penalitajiet u jippreġudikaw l-eliġibbiltà tiegħek għal kompetizzjonijiet futuri.

Tmiem tal-ANNEX III, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali

ANNEX IV

Eżempji ta' kwalifiki minimi li, fil-prinċipju, jikkorrispondu għal dawg mitluba mill-avviżi ta' kompetizzjonijiet

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja/li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kurs Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) (2)
Belgique — Belgje — Belgien	Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS)/Diploma secundair onderwijs Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES)/ Getuigschrift van hoger secundair onderwijs Diplôme d'enseignement professionnel Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs	Candidature — Kandidaat/ Graduat — Gegradueerde Bachelor/Professioneel gerichte Bachelor	Licence/Licentiaat Master Diplôme d'études approfondies (DEA) Diplôme d'études spécialisées (DES) Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS) Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS) Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS) Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS) Agrégation/Aggregaat Ingénieur industriel/Industrieel ingenieur Doctorat/Doctoraal diploma
България	Диплома за завършено средно образование	Специалист по ...	Диплома за висше образование Бакалавър Магистър

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja/li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) (2)
Česká republika	Vysvědčení o maturitní zkoušce	Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (DiS.)	Diplom o ukončení vysokoškolského studia Magistr Doktor
Danmark	Bevis for: Studentereksamen Højere Forberedelseksamen (HF) Højere Handelseksamen (HHX) Højere Afgangseksamen (HA) Bac pro: Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX)	Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhvervsakademiuddannelse AK)	Kandidatgrad/Candidatus Master/Magistergrad (Mag.Art) Licentiatgrad Ph.D.-grad
Deutschland	Abitur/Zeugnis der allgemeinen Hochschulreife Fachabitur/Zeugnis der Fachhochschulreife		Hochschulabschluss/ Fachhochschulabschluss/ Master Magister Artium/Magistra Artium Staatsexamen/Diplom Erstes Juristisches Staatsexamen Doktorgrad

	mimn AST-SC 1 sa AST-SC 6 mimn AST 1 sa AST 7	mimn AST 3 sa AST 11	mimn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) ⁽¹⁾	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) ⁽¹⁾	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) ⁽²⁾
Eesti	Gümnaasiumi lõputunnistus + riigjek-samitunnistus Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta	Tunnistus keskhariduse baasil kutse-keskhariduse omandamise kohta	Rakendus kõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti) Magistrikraad Arstikraad Hambaarstikraad Loomaarstikraad Filosoofiadoktor Doktorikraad (120–160 ainepunkti)
Éire/Ireland	Ardteistiméireacht Grád D3 i 5 ábhar Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects Gairmchlár na hArdteistiméireachta (GCAT) Leaving Certificate Vocational Programme (LCVP)	Teastas Náisiúnta National Certificate Céim bhaitisileara Ordinary bachelor degree Dioplóma naisiunta (ND, Dip.) National diploma (ND, Dip.) Dámhachtain Ardteastas Ardoideachais (120 ECTS) Higher Certificate (120 ECTS)	Céim onorach bhaitisileara (4 bliana/240 ECTS) Honours bachelor degree (4 years/240 ECTS) Céim ollscoile University degree Céim mhaistir (60-120 ECTS) Master's degree (60-120 ECTS) Céim dochtúra Doctorate

	mimn AST-SC 1 sa AST-SC 6 mimn AST 1 sa AST 7	mimn AST 3 sa AST 11	mimn AD 5 sa AD 16	
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) ⁽¹⁾	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) ⁽¹⁾	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-inqas 3 snin) ⁽²⁾	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) ⁽²⁾
Ελλάδα	Απολυτήριο Γενικού Λυκείου Απολυτήριο Κλασικού Λυκείου Απολυτήριο Τεχνικού - Επαγγελματικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου	Δίπλωμα επαγγελματικής κατάρτισης (I.E.K.)		Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ) Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδικεύσης (2ος κύκλος) Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος)
España	Bachillerato + Curso de Orientación Universitaria (COU) Bachillerato BUP Diploma de Técnico especialista	FP grado superior (Técnico superior)	Diplomado/ Ingeniero técnico	Licenciatura Máster Ingeniero Título de Doctor

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja/li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-anqas 3 snin) (2)
France	Baccalauréat Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU) Brevet de technicien	Diplôme d'études universitaires générales (DEUG) Brevet de technicien supérieur (BTS) Diplôme universitaire de technologie (DUT) Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST)	Maîtrise Maîtrise des sciences et techniques (MST), maîtrise des sciences de gestion (MSG), diplôme d'études supérieures techniques (DEST), diplôme de recherche technologique (DRT), diplôme d'études supérieures Spécialisées (DESS), diplôme d'études approfondies (DEA), master 1, master 2 professionnel, master 2 recherche Diplôme des grandes écoles Diplôme d'ingénieur Doctorat
Italia	Diploma di maturità (vecchio ordinamento) Perito ragioniere Diploma di superamento dell'esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore	Diploma universitario (DU) Certificato di specializzazione tecnica superiore/ Attestato di competenza (4 semestri)	Diploma di laurea (DL) Laurea specialistica (LS) Master di I livello Dottorato di ricerca (DR)
Κύπρος	Απολυτήριο	Διπλώματα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory) Higher Diploma	Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor Master Doctorat

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja/li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) (2)
Latvija	Atestāts par vispārējo vidējo izglītību Diploms par profesionālo vidējo izglītību	Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību	Bakalaura diploms (160 kredīti) Profesionālā bakalaura diploms Maģistra diploms Profesionālā maģistra diploms Doktora grāds
Lietuva	Brandos atestatas	Aukštojo mokslo diplomas Aukštesniojo mokslo diplomas	Aukštojo mokslo diplomas Bakalauro diplomas Magistro diplomas Daktaro diplomas Meno licenciato diplomas
Lussemburgu	Diplôme de fin d'études secondaires et techniques	BTS Brevet de maîtrise Brevet de technicien supérieur Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU) Diplôme universitaire de technologie (DUT)	Master Diplôme d'ingénieur industriel DESS en droit européen
Magyarország	Gimnáziumi érettségi bizonyítvány Szakközépiskolai érettségi-képesítő bizonyítvány	Felsőfokú szakképesítést igazoló bizonyítvány (Higher Vocational Programme)	Egyetemi oklevél Alapfokozat (Bachelor degree 240 credits) Mesterfokozat (Master degree) (Osztatlan mesterképzés) Doktori fokozat

	mimn AST-SC 1 sa AST-SC 6 mimn AST 1 sa AST 7	mimn AST 3 sa AST 11	mimn AD 5 sa AD 16	
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja(li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-anqas 3 snin) (2)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) (2)
Malta	Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher) Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including Systems of Knowledge with overall grade A-C) + Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5 2 A Levels (passes A-C) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent	MCAST diplomas/certificates Higher National Diploma	Bachelor's degree Bachelor's degree Master of Arts Doctorate	
Nederland	Diploma VWO Diploma staatsexamen (2 diploma's) Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO) Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO)	Kandidaatsexamen Associate degree (AD)	Bachelor (WO) HBO bachelor degree Baccalaureus of "Ingenieur"	HBO/WO Master's degree Doctoraal examen/Doctoraat
Österreich	Matura/Reifeprüfung Reife- und Diplomprüfung Berufsaufnahmeprüfung	Kollegdiplom/ Akademiediplom	Fachhochschuldiplom/Bakkalaureus/ Bakkalaurea	Universitätsdiplom/ Fachhochschuldiplom/ Magister/Magistra Master Diplomprüfung, Diplom-Ingenieur Magisterprüfungszeugnis Rigorosenzeugnis Dokortitel

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja/li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kurs Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) (2)
Polska	Świadectwo dojrzałości Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego	Dyplom ukończenia kolegium nauki Dyplom ukończenia szkoły politechnicznej	Magister/Magister inżynier Dyplom doktora
Portugal	Diploma de Ensino Secundário/ Certificado de Habilitações do Ensino Secundário		Licenciado Mestre Doutorado
Repubblika Hrvatska	Svjedodžba o državnoj maturi Svjedodžba o završnom ispitu	Stručni pristupnik/pristupnica	Baccalaureus/Baccalaurea (sveučilišni prvostupnik/prvostupnica) Stručni specijalist Magistar struke Magistar inženjer/magistrica inženjerka (mag. ing) Doktor struke Doktor umjetnosti
România	Diplomă de bacalaureat	Diplomă de absolvire (Colegiu universitar) Învățământ preuniversitar	Diplomă de licență Diplomă de inginer Diplomă de urbanist Diplomă de master Certificat de atestare (studii academice postuniversitare) Diplomă de doctor

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16	
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja/li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) (1)	Edukazzjoni post sekondarja (kurs post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kurs Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (mill-anqas 3 snin) (1)	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) (1)
Slovenija	Maturitetno spričevalo (spričevalo o poklicni maturi) (spričevalo o zaključnem izpitu)	Diploma višje strokovne šole	Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi	Univerzitetna diploma/magisterij/specializacija/doktorat
Slovenko	vysvedčenie o maturitnej skúške	absolventský diplom	diplom o ukončením bakalárskeho štúdia (bakalár)	diplom o ukončením vysokoškolského štúdia bakalár (Bc.) magister magister/inžinier ArtD
Suomi/Finland	Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus — Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning (Betyg över avlagd yrkesexamen på andra stadiet) Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier)	Ammatillinen opistoasteen tutkinto — Yrkesexamen på institutnivå	Kandidaatin tutkinto — Kandidatexamen/ Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min. 120 opintoviikkoa — studieveckor)	Maisterin tutkinto — Magisterexamen/ Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min. 160 opintoviikkoa — studieveckor) Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensointitutkimnon jälkeen — antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen Lisensiaatti/Licentiat

	minn AST-SC 1 sa AST-SC 6 minn AST 1 sa AST 7	minn AST 3 sa AST 11	minn AD 5 sa AD 16
PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni post sekondarja) ⁽¹⁾	Edukazzjoni post sekondarja (kors post sekondarju iżda mhux Universitarju jew kors Universitarju qasir ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn) ⁽¹⁾	Edukazzjoni ta' livell Universitarju (erba' snin jew aktar) ⁽²⁾
Sverige	Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning)	Högskoleexamen (80 poäng) Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1-3 år	Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng, varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng) Meriter på grundnivå: Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor)
United Kingdom	General Certificate of Education Advanced level — 2 passes or equivalent (grades A to E) BTEC National Diploma General National Vocational Qualification (GNVQ), advanced level Advanced Vocational Certificate of Education, A level (VCE A level)	Higher National Diploma/Certificate (BTEC)/SCOTVEC Diploma of Higher Education (Dip-HE) National Vocational Qualifications (NVQ) Scottish Vocational Qualifications (SVQ) level 4	Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng, varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera) — Licentiatexamen — Doktorsexamen Meriter på avancerad nivå: — Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng — Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Meriter på forskarnivå: — Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng — Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng Honours Bachelor degree Master's degree (MA, MB, MEng, MPhil, MSc) Doctorate

⁽¹⁾ L-aċċess għall-gruppi tal-funzjoni AST-SC u AST jista' jkun soġġett għall-kundizzjoni addizzjonali li tkun inkisbet esperjenza professjonali adattata ta' mill-inqas tliet snin.

⁽²⁾ L-aċċess għall-gradi AD 6 sa AD 16 huwa soġġett għall-kundizzjoni addizzjonali li tkun inkisbet esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena.

Tnien tal-ANNEX IV, ikklikkja hawn biex tmur lura għat-test prinċipali

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT